# sQORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar It-Tlieta 29 ta' Frar, 2000 .**

**Citazzjoni numru : 196/1996 G1 (PC)**

**Silvio Mario maghruf bhala Silvio Rapa, u Francis Mercieca .**

**vs.**

**Doris mart Charles Gauci f'isimha u bhala mandatarja ta' hutha imsefrin Alfred u Theresa mart Dominic Grech;**
**Helen Zammit ;**
**Joseph Scerri ;**
**Emanuel Scerri ;**
**Angelo Scerri ;**
**Josephine Spiteri ;**
**George Scerri f'ismu u bhala mandatarju ta' hutu msefrin Anthony sive Ninu Scerri, Paul Scerri u Carmel Scerri ;**
**Anthony Scerri f'ismu u bhala mandatarju ta' ohtu Margaret xebba Xerri ; Rosa Falzon ;**
**Peter Xerri (Sherri b'deed poll) f'ismu u bhala mandatarju ta' Victor u Angelo Scerri ; ta' Mary Lourdes mart Lorry Cutajar, George u Daniel ahwa Scerri, Carmen mart Ignatius Vassallo, u Joseph ahwa Xerri, u b'degriet**

**tat-23 ta' Ottubru, 1998 l-gudizzju gie trasfuz f'isem Angela Scerri, Mary Porter, Maria Concetta Mifsud, u John Scerri minflok Joseph Scerri li miet fil-mori tal-kawza; u stante li dawn huma msefrin Dr. Joseph G. Borg, 32, San Antonio Street, Attard, Malta, gie mahtur kuratur sabiex jirrapprezenta lil dawn l-erbgha minn nies stante li huma msefrin ; u b'degriet tas-26 ta' Mejju, 1999 Dr. Mario Scerri gie nominat kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsefrin Angela Xerri, Mary Porter, Maria Concetta Mifsud u John Xerri .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :**

**Illi bis-sahha ta' konvenju ffirmat bejn l-atturi u l-konvenuti fid-dsatax (19) ta' Dicembru 1995 dawn tal-ahhar obbligaw ruhhom illi ibieghu lill-istess atturi bicca art fi Triq San Blas, limiti ta' Nadur, Ghawdex tal-kejl superficjali ta' madwar tlett mija u tlieta u sittin metri kwadri (363 m.k.) konfinanti mil-Lvant ma' triq, nofsinhar ma' passagg u tramuntana ma' beni ta' Coronato Vella, u dan bil-kundizzjonijiet u prezz elenkati fl-istess konvenju .**

**Illi l-kuntratt finali kellu jigi pubblikat fi zmien xahrejn minn meta jitlestew ir-ricerki necessarji ghall-pubblikazzjoni tal-istess art .**

**Illi effettivament, dawn l-istess ricerki tlestew ghal bidu ta' Lulju 1996.**

**Illi fil-kors ta' dawn ir-ricerki, irrizulta illi uhud mid-denunzji ta' successjoni necessarji u relattivi ghal art de quo da parti ta' uhud mill-konvenuti kienu ghadhom ma gewx prezentati u kwindi l-istess kuntratt ma setghax jigi pubblikat ;**

**Illi l-atturi talbu lill-konvenuti jipprezentaw id-denunzji necessarji u jersqu ghall-kuntratt pubbliku, anke permezz ta' ittra ufficjali**

**prezentata fid-19 ta' Awissu, 1996, izda sal-lum, il-konvenuti baqghu ma resqux ghal dan l-att ;**
**Illi l-atturi jridu illi dan l-att jigi pubblikat, previa illi l-konvenuti jew kuratur nominat ghalihom jipprezenta d-denunzji necessarji .**

**Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din il-Qorti :**

1. **fl-ewwel lok tikkundannakom sabiex tersqu ghall-kuntratt pubbliku ta' bejgh u trasferiment lill-attur tal-art fi Triq San Blas fil-limiti ta' Nadur, Ghawdex fuq deskritta bil-prezz, pattijiet u kondizzjonijiet elenkati fil-konvenju tad-19 ta' Dicembru, 1995 ;**

2. **ghal dan il-ghan tahtar kuratur sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq dan l-att illi ghandu jigi pubblikat minn Nutar nominand f'jum hin u lok illi jigu ghalhekk iffissati ;**

3. **tawtorizza u tordna lill-istess kuratur illi jipprezenta dawk id-denunzji ta' successjoni necessarji skond il-ligi ghal pubblikazzjoni tal-istess att, u jaghmel il-prattiki kollha necessarji ghall-pubblikazzjoni tal-imsemmi att .**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Awissu, 1996 kontra l-konvenuti, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha debitament imsejha .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament guramentata minn Francis Mercieca .**

**Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Anthony Scerri f'ismu u bhala mandatarju ta' ohtu Margaret xebba Xerri, u ta' Rosa Falzon, li eccepew :**

1. **Illi huma jammettu t-talbiet attrici u qatt ma kkontestaw id-dritt tal-atturi illi jsir il-kuntratt pubbliku, ghal dak illi jirrigwarda s-sehem taghhom .**

2. **Kwindi huma ma ghandhomx ibatu spejjez ta' dan il-gudizzju .**

3. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti mahlufa minn Anthony Scerri .**
**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenuti Doris Gauci proprio et nomine u Josephine Spiteri li saret permezz ta' l-affissjoni u publikazzjoni a tenur ta' l-art. 187 (3) tal-Kap. 12, billi dawn ma setghux jigu**

**notifikati regolarment bic-citazzjoni, u li madankollu baqghu kontumaci .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenuta Helen Zammit li giet notifikata b'din ic-Citazzjoni fis-26 ta' Settembru 1996, li pero' baqghet ukoll kontumaci .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut Emanuel Scerri li gie notifikat bic-Citazzjoni fis-26 ta' Settembru 1996, li wkoll baqa' kontumaci .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut Joseph Scerri li gie notifikat b'din ic-Citazzjoni fis-26 ta' Settembru 1996 u baqa' kontumaci .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut Angelo Scerri li gie notifikat bic-Citazzjoni fis-27 ta' Settembru 1996 u baqa' kontumaci .**

**Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Mejju 1998 li bih peress illi l-konvenut Joseph Xerri miet fil-mori tal-kawza, innominat lill-avukat Dottor Mario Scerri sabiex jirraprezenta lill-eredi tieghu u cioe' lill-imsefrin Angela Xerri, l-armla tieghu, u Mary Porter, Maria Concetta Mifsud u John Xerri uliedu, fl-atti ta' din ic-Citazzjoni u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti .**

**Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Novembru 1999 fejn, billi hadd ma accetta l-bandu, innominat lil-avukat Dottor Aaron Attard Hili sabiex jirraprezenta lill-imsefrin konvenuti Peter Scerri (Sherri permezz ta' 'deed poll'), Victor u Angela Sceri, Mary Lourdes mart Lorry Cutajar, George u Daniel ahwa Scerri, Carmen mart Ignatius Vassallo, fl-atti ta' din ic-Citazzjoni u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti .**

**Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Dicembru 1999 fejn halliet il-kawza ghall-lum ghas-sentenza .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi permezz ta' din ic-citazzjoni l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenuti jigu ordnati jersqu ghall-kuntratt ta' bejgh u trasferiment lilhom ta' bicca art fin-Nadur, Ghawdex, li kienu obbligaw ruhhom li jbighulhom pemezz ta' skrittura ta' konvenju li ggib id-data tad-19 ta' Dicembru 1995. (Dok. A anness mac-citazzjoni) . Illi a tenur ta' l-istess konvenju l-kuntratt relatttiv kellu jsir fi zmien xahrejn minn meta jitlestew ir-ricerki necessarji ghall-pubblikazzjoni ta' l-istess att . Gara' pero' illi fil-kors ta' dawn ir-ricerki irrizulta li kien ghad jonqos li jsiru xi denunzji dwar is-successjoni ta' uhud mill-**

**komproprjetarji originali ta' l-art in kwistjoni, qabel ma jkun jista' jigi pubblikat dana l-att ta' bejgh . Jidher madankollu illi nqalghu xi diffikultajiet sabiex l-eredi ta' dawn il-komproprjetarji jikkonformaw ruhom mal-ligi u jipprezentaw id-denunzji mehtiega . L-atturi ghal hekk htigilhom jinterpellaw lill-konvenuti sabiex ifittxu jaghmlu d-denunzji necessarji u jersqu ghal kuntratt, u dana permezz ta' ittra ufficjali tad-19 ta' Awissu, 1996 . .**

**Il-parti l-kbira tal-konvenuti baqghu kontumaci u dawk li wiegbu ghal din ic-citazzjoni llimitaw ruhhom biss sabiex jghidu li ma joppunux it-talbiet attrici u qatt ma kkontestaw id-dritt ta' l-atturi li jesigu li jsir il-kuntratt in kwistjoni . Ghalhekk ikkontendew illi ma kellhomx ibatu spejjez .**

**Fl-affidavit tieghu ipprezentat bhala 'Dok. A' fit-8 ta' Mejju 1998 l-avukat Dottor Carmelo Galea spjega fid-dettal id-diffikultajiet kollha li nqalghu fil-kors tar-ricerki li kienu saru bil-hsieb li eventwalment jigi ppublikat dan il-kuntratt . Flimkien ma' l-istess affidavit l-avukat Galea pprezenta wkoll numru ta' dokumenti rilevanti li kienu jindikaw il-provenjenza ta' din il-proprjeta' u kif giet f'idejn il-konvenuti permezz ta' diversi successjonijiet . A skans ta' ripetizzjonijiet inutili l-Qorti taghmel referenza shiha ghal din l-ispjegazzjoni ta' l-avukat Galea u dawn id-dokumenti (a fol. 88 –156 tal-process) .**

**Jirrizulta ampjament ghalhekk illi ma ghandu jkun hemm ebda raguni valida ghaliex it-talbiet attrici ma jistghux jintlaqghu, sabiex fl-ahhar ikun jista' jsir dan il-kuntratt ta' bejgh u trasferiment in kwistjoni .**

**Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u :**

**(i) tikkundanna lill-konvenuti proprio et nomine sabiex jersqu ghall-kuntratt pubbliku ta' bejgh u trasferiment lill-atturi tal-bicca art fi Triq San Blas, limiti tan-Nadur, Ghawdex, tal-kejl superficjali ta' madwar tliet mija u tlieta u sittin metri kwadri (363 m.k.), konfinanti mil-lvant mat-triq, nofsinhar ma' passgg u tramuntana ma' beni ta' Coronato Vella, bil-prezz, pattijiet u kondizzjonijiet elenkati fil-konvenju tad-19 ta' Dicembru 1995, kopja ta' liema tinsab annessa bhala 'Dok. A' mac-Citazzjoni ;**

**(ii) ghal dan il-ghan tahtar lill-avukat Dottor Giorgina Scicluna Bajada LL.D. sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci fuq dan l-att, illi ghandu jigi pubblikat min-Nutar Dottor Enzo Dimech LL.D.**

**(iii)** **tawtorizza u tordna lill-istess kuratur hawn nominat sabiex jipprezenta dawk id-denunzji ta' successjoni li ghadhom mehtiega skond il-ligi ghall-publikazzzjoni ta' l-att in kwistjoni, u jaghmel ukoll dawk il-prattiki kollha necessarji ghall-publikazzjoni ta' l-imsemmi att .**

**L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigi ssopportati bejn il-konvenuti, kulhadd skond is-sehem rispettiv tieghu mill-art in vendita.**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard .**
**Deputat Registratur**

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
S19696Pc
1528